MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 141/2009

QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.D.
LL.M. (IMLI)

Avviz Nru 141/2009 FDP
Fl-ismijiet:

Sharon Ellul Bonici
(ID 338370M)

vs

Roberta Metsola Tedesco Triccas

Il-Qorti

Rat l-avvizipprezentat fl-14 ta' April 2009 fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimata thallasha s-somma li tigi likwidata in linea ta' danni ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248, wara li jigi dikjarat li hi ingurjat u mmalafamat lir-rikorrenti b'kummenti li gew imxandra fit-2 ta' April 2009 fuq l-istazzjoni televiziv Net Television waqt l-ahbarijiet ta' filghaxija fejn l-intimata, bhala l-persuna li qalet dawn il-kummenti, ghamlet allegazzjonijiet li huma foloz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u li ghandhom bhala skop li joffendu l-unur u l-fama tar-rikorrenti u jesponuha ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku.

Rat ir-risposta ta’ l-initmata ipprezentata fit-22 ta' April 2009 illi stqarret li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi l-kummenti tal-konvenuta m’humiex libelluzi ghax jammontaw ghall-fair comment dwar fatti sostanzjalment korretti u dwar suggett ta' interess pubbliku, liema kummenti huma protetti kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta u kemm mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Rat ix-xhieda ta' Sharon Ellul Bonici illi tat viva voce fl-14 ta' Jannar 2010 u in kontro ezami fl-1 ta' Dicembru 2010.

Rat ix-xhieda ta' William Grech, campaign manager tar-rikorrenti ghall-elezzjoni tal-MEP fis-sena 2009, illi inghata viva voce fis-7 ta' April 2010.

Rat ix-xhieda ta' Charlene Camilleri, assistenta tar-rikorrenti ghall-elezzjoni tal-MEP fis-sena 2009, illi inghatat viva voce fis-7 ta' April 2010.

Rat ix-xhieda ta' Dr Simon Manicolo, bhala Segretarju tal-Bord ta' l-Awtorita' tax-Xandir, illi inghata fl-1 ta' Dicembru 2010 u li fiha gie ipprezentat il-filmat bil-kummenti inkriminanti.

Rat ix-xhieda ta' Roberta Metsola Tedesco Triccas illi inghatat fis-16 ta' Marzu 2011.

Rat ix-xhieda ta' Dr Carol Aquilina moghtija fl-24 ta' Ottubru 2011 u, in kontro ezami, fis- 16 ta' Jannar 2012.

Rat l-ahbarijiet imxandra min-Net Television fit-2 ta' April 2009, kemm dawk fil-verzjoni ridotta taghhom tas-18.00pm, kif ukoll dawk dettaljati u li inkludew il-kummenti diretti ta' l-istess intimata li xxandru fis-19.45pm.

Rat id-dokumentazzjoni kollha prodotta mill-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri taz-zewg partijiet fl-20 ta' Frar 2012, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

Il-kawza odjerna tirrigwarda rappurtagg illi sar nhar it-2 ta' April 2009 fuq il-media tal-Partit Nazzjonalista, Net TV fejn, l-intimata, illi kienet kandidata ghal-istess Partit Nazzjonalista ghall-Elezzjonijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew, ghamlet il-veduti taghha pubblici dwar kummenti illi kienet ghaddiet r-rikorrenti, illi kienet kandidata ghall- istess Elezzjoni, mal-Partit Laburista, fuq 'social network' maghruf bhala 'Facebook' xhur qabel fejn, waqt kampanja li kienet qed issir sabiex isiru emendi kostituzzjonali biex tigi msahha il-posizzjoni ta' Malta kontra l-abort.

Jirrizulta illi permess ta' 'post' illi r-rikorrenti kienet ghamlet fuq il-Facebook fil-25 ta' Settembru 2008 f'pagna illi kienet qed tiddiskuti il-kwistjoni ta' l-entrenchment, fil-Kostituzzjoni ta' Malta, ta' l-artikoli tal-Ligi illi taghmel l-abort reat, hija kienet stqarret is-segwenti:-

"The state should not constrain a woman from terminating her pregnancy, let alone entrench it in our constitution. The situation in Malta is not tragic only because abortion is available elsewhere in Europe. Had this not beeen so, we would have faced a tragedy, with underground abortions and their consequences.

It is only in Malta, Poland and Ireland that abortion is legal."

Jirrizulta illi tali post wassal sabiex l-ghaqda 'Gift of Life', illi kienet qieghda tippromwovi l-emendi fil-Kostituzzjoni, esprimiet it-thassib serju taghha dwar il-kumment tar-rikorrenti, liema thassib gie rrappurtat fil-gazzetta The Times of Malta ta’ l-1 ta' April 2009. L-istess gurnal ottjena il-kummenti tar-rikorrenti fuq dak li kienet qed tallega il-pressure group 'Gift of Life' u dwar dak li talbuha hija qalet hekk:-

"They (Gift of Life) bombarded me with calls and emails demanding that I retract my comment and declare myself in writing against abortion or face the consequences. Just like in the times of the Inquisition, they demanded that I sign a declaration that goes against my belief or else .... . When I made it clear that I will not be a hypocrite, he (Paul Vincenti) proceeded with his blackmail and demanded with the PL leader to strike me off the party's candidates list. ...... What I wrote last September on Facebook is clear enough. It is my personal opinion and I will stick to it. It is not the PL official line and I am not campaigning for abortion to be introduced, although Mr Vincenti is successfully pushing me in that direction.

Jirrizulta wkoll illi fil-website tar-rikorrenti intitolata "www.sharon4malta.com", ir-rikorrenti fl-4 ta' April 2009 ikkummentat dwar dak li qalet l-intimata billi stqarret:-

"Which position? What I did was post one comment some seven months ago giving factual information about the effects of the Lisbon Treaty. I added my personal view on abortion precisely because I wanted my aims to be clear. Does that amount to a campaign to introduce abortion in Malta?"

Fix-xhieda taghha, r-rikorrenti stqarret illi hija hassitha malafamata bil-kummenti illi ghamlet l-intimata fuq in-Net TV peress illi l-intimata sostniet illi r-rikorrenti hija favur l-abort u kienet qed ixxandar il-posizzjoni taghha permess

tal-Facebook sabiex tavvanza l-kawza taghha. Stqarret ukoll illi hassitha wkoll malafamata bil-fatt illi l-intimata allegat ukoll illi kienet qed taghmel uzu mit-Trattat ta' Lisbona biex tavvanza il-posizzjoni taghha dwar l-abort. Hija stqarret illi "meta persuna tigi attakkata fis-sens illi tigi ttimbrata illi hija favur l-abort, wiehed ma jistax jiehu din l-allegazzjoni b'leggerezza pero' dan ghandu piz aktar meta wiehed jikkunsidra illi dan id-diskors intqal f'kampanja elettorali peress illi l-intervent kien sar xi sena qabel .... fl-opinjoni tieghi, dan sar b'mod malizzjuz".

Hija pproduciet ukoll bhala xhieda lil William Grech u Charlene Camilleri, illi kienu rispettivament il-campaign manager u assistenta tar-rikorrent waqt il-kampanja elettorali u dawna sahqu illi waqt il-kampanja r-rikorrenti kellha reazzjoni negattiva minghand in-nies ghax bdew jghidulha illi hija favur l-abort.

L-intimata, da parte taghha, sahqet fix-xhieda taghha illi "l-ghan ta' l-istqarrija kien illi jiena nghid bl-aktar mod car illi jiena kontra l-abort ghaliex imur kontra l-principji tieghi u tal-Partit (Nazzjonalista) li nifforma parti minnu u li ma naqbilx mal-posizzjoni ta' Sharon Ellul Bonici li kienet favur l-abort." Hi stqarret illi ma kienx minnu illi r-rikorrenti ma kienetx favur id-dhul ta' l-abort, peress illi l-fatt li r-rikorrenti tghid illi hija kontra d-dhul ta' emedni fil-Kostituzzjoni sabiex l-abort ma jigix legalizzat Malta kif ukoll il-fatt illi ssemmi Malta flimkien ma’ pajjizi ohra fejn l-abort mhux legalizzat juri bic-car illi r-rikorrenti kienet favur l-abort.

L-intimata kompliet tghid illi hija ghamlet ir-reazzjoni u stqarrija taghha wara illi l-veduti tar-rikorrenti gew imxandra fuq it-Times of Malta. Ziedet tghid illi ma kienx minnu illi t-Trattat ta' Lisbona, kif kienet qieghda tallega r-rikorrenti, kien ser iwassal biex Malta ddahhal l-abort, u dana kien dovut ghal fatt illi meta Malta iffirmat it-Trattat, hija iffirmat Protokol illi fih Malta ghamlitha cara illi t-Trattat ma kienx ser iwassal biex f'Malta jiddahhal l-abort.

L-intimata pproduciet bhala xhud lil Dr Carol Aquilina illi stqarr li qabel ma' l-intimata ghamel il-kummenti taghha,

hija kienet tkellmet mieghu bil-ghan illi tara jekk hu kienx jabel li l-kummenti tar-rikorrenti kienu jfissru illi hija favur l-abort u Aquilina kien informa lill-intimata illi hija kienet korretta fil-konkluzjonijiet taghha.

Ikkunsidrat

Illi, kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Joseph Troisi vs Noel Grima deciza fl-10 ta' Ottubru 2003,

"... jirrizulta li hija regola ormai li min qieghed jokkupa kariga pubblika, f'demokrazzija, huwa tenut li jirrikonoxxi kritika anke harxa ta' l-operat tieghu, pero' tali kritika qatt ma ghandha twassal sabiex jigu attribwiti fatti mhux veri lill-persuna bl- iskop li tali persuna tigi malafamata, ingurjata, u redikolata pubblikament, u t-test ghal dan xorta jibqa' kif "a reasonable fair minded man" cioe` "the reasonable man, of normal intelligence, possessed of a degree of knowledge of current circumstances" ihares u jifhem l- istess artikolu ("Hedley vs Tabone" - 7 ta' Frar 1953 - "Mintoff vs Schembri" - 7 ta' Frar 1953) u ghal dan it- test mhux "importanti li wiehed jara x'kellhom f'rashom il-kwerelati meta l-artikolu in kwistjoni gie miktub u stampat, imma l-importanti huwa li wiehed jara x'jifhem ic-cittadin ordinarju, ta' intelligenza normali, meta jaqra l-artikolu in kwistjoni" ("Onor. Dr. G. Cassar vs Dr. Joseph Muscat" - 22.07.1985)."

Il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, imbaghad, fid-decizjoni taghha maghrufa bhala 'the Castells judgement' deciza f'April 1992, qalet:

The pre-eminent role of the press in a State governed by the rule of law must not be forgotten.

[...]

Freedom of the press affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion on the ideas and attitudes of their political leaders. In particular, it gives politicians the opportunity to reflect and comment on the

preoccupations of public opinion; it thus enables everyone to participate in the free political debate which is at the very core of the concept of a democratic society.

Kif intqal fil-kaz Goodwin vs United Kingdom" – ECHR – 27 ta' Marzu 1996,

"the general interest in a public debate which has a serious purpose outweighs the legitimate aim of protecting the reputation of others, even if such debate involves the use of wounding or offensive language".

L-intimata, da parte taghha, sahqet bhala difiza illi dak li qalet hi ma kien xejn aktar minn 'fair comment'. Issa, f'dan il-kuntest id-differenza bejn "allegazzjoni ta' fatt" u "comment" hija wahda llum stabbilita fil-gurisprudenza taghna.

"F'materja ta' ingurja bl-istampa ghandha issir distinzjoni bejn "allegation of fact" u dak li huwa "comment". Biex tirnexxi id-difiza tal-verita` tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-comment biex ikun gustifikat irid ikun "fair and bona fide", u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru" (Reginald Miller vs Harold Scory -XXXVI.IV.843.).

In vista ta' dan ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-fair comment, "

jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il- fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi id-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment'
("Anglu Camilleri vs Anthony Zammit" Vol.XI.IV.1195; "Dr Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit" JSP. 929/90/JSP. 3 ta' Ottubru 1991).

Illi sabiex wiehed jasal biex jikkonkludi jekk dak li intqal kienx "fair u bona fide", wiehed irid jiehu il-kliem fis-sens normali w ordinarju taghhom, u dan

“in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence, with the ordinary man’s general knowledge and experience of world affairs, would be likely to understand them”, dan jista’ jinkludi “any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word”.(“Jones vs Skelton” (1963) W.L.R. pg. 1371 (P.C.).

Issa, fil-kaz in ezami, jidher illi l-kumment ta’ l-intimata sar, waqt illi kienet ghaddejja kampanja elettorali, u ghalhekk, il-bilanc bejn “il-bzonn li s-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f’socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi” (“Vincent Borg vs Victor Camilleri et.” - A.C. 15 ta’ Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.) ghandu jigi suggett ghad-dritt illi ghandu l-pubbliku in generali dwar “opinions on issues of public concern” (“Goodwin vs United Kingdom” – ECHR – 27 ta’ Marzu 1996.

Apparti minn hekk, jidher illi l-intimata ghaddiet il-kummenti taghha bhala rizultat ta' artikolu illi kien deher fil-gurnal The Times of Malta illi kien qieghed jaghmel referenza ghall-kummenti illi r-rikorrenti kienet ghamlet fuq is-social network Facebook f'Settembru tas-sena ta' qabel, fejn qalet illi ma tqabilx mal-fatt li r-reat ta’ l-abort jigi protett billi jitqieghed fil-kostituzzjoni.

Illi, ghalkemm tali kliem certament ma jitqiesx illi huwa dikjarazzjoni ta' posizzjoni favur l-abort da' parte tar-rikorrenti, tali kummenti, kif rappurtati fil-gazzetta fuq immsemmija, abbinata mal-fatt illi hija stqarret lill-istess gurnal illi l-pressure group Gift of Life kien ghamillha pressjoni sabiex tirtira l-kumment u tikteb kontra l-abort, haga ili hija rresistiet, kif ukoll illi tistqarr li l-istess grupp "demanded that I sign a declaration that goes against my beliefs" huma lkoll indikattivi illi r-rikorrenti ma kienetx kontra il-kuncett ta’ l-abort.

Ghalhekk, il-kummenti maghmulha mill-intimata wara l-artikoli illi dehru fil-gazzetti certament jistghu jitqiesu bhala 'fair comment' stante illi r-rikorrenti kienet ghamlet il-posizzjoni taghha cara bizzejjed, ghalkemm ma qalitihiex ufficjalment.

Konkluzjoni

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u rat id-dokumentazzjoni esebita,

Wara illi rat l-intervista inkriminanti illi dehret fin-news tan-Net TV fit-2 ta' April 2009,

Tghaddi biex tiddeciedi billi;

Tilqa’ l-eccezzjoni imressqa mill-intimata u;

Tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kollha kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------